# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 4 ta' April 2023**

**Talba numru 232/2022 SFJ**

**Numru 10**

**MARISA GRIXTI U MR CONDOMINIUM**

**TA' RADIANT AUTHENTICITY LIMITED,**

**GHAN-NOM U R-RAPPREZENTANZA TAL-ASSOCJAZZJONI MR CONDOMINIUM**

**(165, TOWER ROAD, SLIEMA)**

**VS**

**DR. GODFREY GAUCI MAISTRE**

**U MARTU JOAN GAUCI MAISTRE**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-3 ta' Awissu 2022 li permezz tagħha l-attur ippremetta u talab lil din l-Onorabbli Qorti li:

- *"Li r-rikorrenti hija amministratur tal-assocjazzjoni tas-sidien ta' appartamenti bl-isem 'White Hall Mansions, 165 Tower Road Mansions;*
- *Illi l-konvenuti huma sidien t'apppartament internament iimmarkat numru 2 fil-kumpless ta' appartamenti bl-isem White Hall Mansions, 165, Tower Road Mansions;*
- *Illi l-konvenuti ghandhom arretrati ta' mizati annwali u mizati ohra ghal-manutenzjoni tal-komun, inkluz xoghol fuq il-faccata, liema xogholijiet gew approvati mis-sidien u tali huma dovuti lill-assocjazzjoni tas-sidien tal-kumpless ta' appartamenti Whitehall Mansions 165, Tower Road Manions;*
- *Illi l-arretrati dovuti mill-konvenuti jammontaw ghal erbat elef, tmien mija u sittin ewro u sebgħa u erbgħin centezmu (Eur4,860.47);*
- *Illi minkejja li kienu debitament interpellati sabiex ihallsu, huma baqghu inadempjenti;*
- *Illi l-konvenuti huma debituri versu l-attrici fis-somma ta' tmien mija u sittin ewro u sebgħa u erbgħin centezmu (Eur4,860.47), li tammonta ghal arretrati ta' kontribuzzjoni annwali ghall-ispejjes u mizati mehtiega ghal preservazzjoni, manutenzjoni, tiswijiet ordinarji, tgawdija u ghoti ta' servizzi fl-interess komun u kontijiet tad-dawl fil-partijiet ghall-uzu komuni kif ukoll depozitu fuq xogholijiet straordinarji, fil-Blokk maghruf bhala White Hall Mansions, 165, Tower Road Mansions;*

  *Illi l-attrici titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgobha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma komplessiva ta' erbat elef,, tmien mija u sittin ewro u sebgħa u erbgħin centezmu (Eur4,860.47), jew somma ohra verjuri, kif hawn fuq imfisser, bl-ispejjes kollha, inkluz tal-ittra legali u bl-imghax legali, mid-data tal-ittra legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni".*

**Ra li l-konvenuti ġew notifikati skont il-Liġi kif ukoll deher Dr Godrey Gauci Maistre fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023.**

**<u>Provi mressqa u Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal ra, infatti, li fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023, meta deher il-konvenut Dr. Gauci Maistre, nforma lit-Tribunal illi Dr. Maria Azzopardi, l-Avukat tal-atturi talbet żmien sabiex tirregola ruħha peress li kien hemm ċans għal tranżazzjoni. Għalhekk il-kawża kienet ġiet differita għall-probabbli tranżazzjoni għas-7 ta' Frar 2023.

Illi fis-7 ta' Frar 2023 kienet dehret Dr. Maria Azzopardi għall-attrici. It-Tribunal kien osserva li l-konvenuta Joan Gauci Maestre kienet ġiet notifikata fit-30 ta' Jannar 2023 u li ma kenitx ippreżentat ebda risposta.

Dr. Maria Azzopardi kienet infurmat lit-Tribunal illi s-sorte tħallset, pero' li l-ispejjes tal-kawża ma kienux tħallsu.

Xehdet bil-ġurament Marisa Grixti, li ppreżentat ukoll DOK MG1 u MG2.

Il-kawża, imbagħad, ġiet differita għall-21 ta' Marzu 2023 għall-għeluq tal-provi.

It-Tribunal ra x-xiehda ta' Marisa Grixti, in rappreżentanza tal-assoċjazzjoni MR Condominium.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2023 dehret Dr. Maria Azzopardi għall-attriċi, li ddikjarat li ma kelliex aktar provi u li t-Tribunal seta' jgħaddi ghas-Sentenza. Dr. Maria Azzopardi reġgħet infurmat lit-Tribunal illi kull ma kien fadal kienu l-ispejjes. Il-konvenuta sa dak in-nhar ukoll, baqgħet ma ppreżentat l-ebda risposta.

It-Tribunal ra l-Atti kollha ta' dan il-proċess fejn ġie kkonfermat li s-sorte kien tħallas iżda kien jidher li l-ispejjes ma tħallsux.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawża kienet infetħet sempliċiment għar-raġuni li sorte kien għadu ma tħallasx u infatti li s-sorte tħallas fil-mori tal-kawża u għalhekk ma jsibx diffikulta li jikkonkludi illi l-atturi jimmeritaw illi jitħallsu l-ispejjes ta' din il-kawża skont kif mitlub fl-avviż tat-talba.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi kif ukoll huwa indikat mill-fatti li ġew ippreżentati, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-Talbiet tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjes ta' din il-kawża, inkluż tal-ittra legali, u dana peress illi s-sorte kien ma tħallasx u kien infatti meritu ta' din il-kawża, u ċioe' li din il-kawża kellha tinfetaħ peress illi s-sorte ma kienx ġie mħallas. Infatti s-sorte tħallas fil-mori ta' din il-kawża.

It-Tribunal mhux qed jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-imgħax legali peress illi l-avukat tal-atturi indikat illi kull ma kien fadal kien l-ispejjes.

____________________________________

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**